Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

Data tal-laqgħa: 19 ta’ Frar 2026

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta’ filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):
Ma kien hemm ebda membru assenti b’apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.12pm.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

21.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 20 u ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 3. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

21.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku EG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

## 21.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

21.3.1 <u>Para 3.4.2 – Laqgħa tal-Lokalità Nru. 3 – Qlib ħażin fi Triq il-Kbira</u>
Is-Sindku informa li din il-problema trid tiġi indirizzata minn IM meta ssir it-triq.

21.3.2 <u>Para 3.4.2 – Laqgħa tal-Lokalità Nru. 3 – Problema tal-Ħamiem</u>
Is-Sindku informa li din il-problema se tiġi indirizzata b'mod nazzjonali. Issemmiet il-petizzjoni kontra l-mod ta' kif se tiġi indirizzata l-problema, li hemm għaddejja li ntbagħtet lill-Kunsilliera kollha ta' Malta u Għawdex. Is-Sindku informa li kull kunsillier huwa liberu li jieħu l-pożizzjoni tiegħu dwar din il-kwistjoni.

21.3.3.1 <u>Para 20.3.1 - Riflettur ta' quddiem il-Knisja</u>
Is-SE infurmat li l-kuntrattur għadu qed jipprova jfittex *spot lights (warm white)* ta' kwalità tajba. Kien hemm qbil li sadanittant ninfurmawh biex jirranġa r-riflettur li hemm bil-ħsara b'dawl abjad.

21.3.3.2 Kien hemm qbil ukoll li jiġi installat riflettur ġdid fejn il-kappelli ta' Triq it-Tliet Knejjes.

21.3.4 <u>Para 20.3.2 - *Merħba Locality Sign* fi Triq Birbal</u>
Is-Sindku informa li bqajna ma rċivejniex risposta mill-HSBC dwar meta se jwaħħlu t-tabella. Se niċċekkjaw mal-avukat dwar jekk nistgħux nagħmlu waħda bħala Kunsill mal-istruttura li diġà hemm.

21.3.5 <u>Para 20.4.1 - Dawl dekorattiv mas-siġar tal-pjazza</u>
Is-SE infurmat li se nkunu qed nikkoordinaw ix-xogħlijiet mal-*electrician* biex ix-xogħol isir f'Marzu.

21.3.6 <u>Para 20.4.4 - SPI/SCI/04/2023 – Skema ta' Finanzjament – Komunitajiet aktar Siguri u Organizzati</u>
Is-Sindku informa lid-DGL approvaw li jestendu l-iskema sal-aħħar ta' Ġunju 2026.

21.3.7 <u>Para 20.7 – *Administration Officer* II (Skala 9)</u>
Id-DGL infurmawna li talbiet biex jiġi estiż impjieg jistgħu jiġu pproċessati biss tliet xhur qabel id-data tat-twelid tal-impjegat ikkonċernat. Għalhekk, ser nerġgħu nibgħatu t-talba aktar tard din is-sena.

21.3.8 <u>Para 20.10 - Bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech</u>
Is-Sindku informa li l-iskultur se jkun qed jaħdem fuq il-bust wara l-Ġimgħa l-Kbira.

**F'dan il-ħin (5.25pm) il-Kunsillier MLB daħlet għal-laqgħa.**

21.3.9 <u>Para 20.11.3 - Talba biex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja - Benrikville</u>
L-iżviluppatur lest li jagħti kumpens għal ħsara li saret lit-triq u għalhekk qed jitlob laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill se jiltaqa' miegħu qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Sadanittant, se nilħqu nġibu xi kwotazzjonijiet.

21.3.10 <u>Para 20.11.5 - Talba biex isiru żewġ (2) *bollards* mal-ġenb ta' garaxx</u>
Il-Kunsill ġie aġġornat bir-risposta tar-residenta fejn qalet li tippreferi li ssir *planter* żgħira minflok *MC Bay* għax mutur ipparkjat xorta jostakola l-aċċess tal-garaxx. Se niltaqgħu magħha fuq il-post biex jiġi deċiż kif l-aħjar li ssir il-*planter*.

21.3.11 Para 20.11.9 - Bankina fi Triq iz-Zekkuk

Kemm is-Sindku, kif ukoll il-Kunsillier MLB marru fuq il-post meta kienet ix-xita u irriżulta li l-ilma qed iżomm fil-kantuniera bejn il-bankina u l-bieb tal-aluminju. Il-ħaddiema tal-Kunsill se jillixxaw il-bankina biex ma jibqax jidħol ilma.

## 21.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.4.1 Spralli tal-ilma tax-xita

Issemmew l-ispralli ta' Triq il-Kbira (k/m Triq il-Papa Piju XII) u ta' Wied Ħal Balzan (k/m Triq it-Tabib J. Zammit). Is-SE infurmat li għandu jiġi kuntrattur biex jagħtina stima.

21.4.2 Triq il-Kbira

Għalkemm intbagħtu diversi *emails* lill-IM, bqajna mingħajr risposta dwar meta se ssir it-triq.

**F'dan il-ħin (5.31pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.37pm.**

21.4.3 *Performance Review: 3-Year Waste Statistics Report*

Is-Sindku informa li fil-laqgħa tar-Reġjun ġie ppreżentat rapport ta' statistika tal-aħħar 3 snin fuq il-ġbir ta' skart. Minn din l-istatistika joħroġ ċar li hemm nuqqas ta' *accountability* kbira min-naħa tal-kuntrattur ta' x'qed jinġabar u minn fejn. Ir-Reġjun se jkun qed iressaq dan ir-rapport għall-attenzjoni tal-ERA u tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, Alison Zerafa Civelli.

21.4.4 Laqgħa mal-Uffiċċju tad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja

Is-Sindku informa li se jkollu laqgħa ma' rappreżentanti minn dan l-uffiċċju biex tiġi diskussa l-possibilità li ssir xi forma ta' attività bl-involviment tal-Parroċċa u tal-Kunsill.

21.4.5 Laqgħa maċ-Chargé d'Affaires tal-Ambaxxata Libjana

Is-Sindku informa li, f'attività li saret fl-Ambaxxata, iltaqa' maċ-Chargé d'Affaires, fejn introduċa ruħu u għaddilhom il-kuntatti tagħna bħala Kunsill sabiex tinżamm relazzjoni tajba.

21.4.6 Dikjarazzjoni ta' Verdala dwar il-Persuni mingħajr Saqaf fuq Rashom 2025

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni proposta li l-Kunsill irċieva biex jissieħeb f'Dikjarazzjoni. Il-Kunsill huwa kontra li jitneħħew il-liġijiet dwar tlajjar u li tittallab u għalhekk mhux se jiffirma din id-Dikjarazzjoni.

21.4.7 Storbju fil-bandli

Il-Kunsillier MLB infurmat li ta' kuljum qed ikun hemm storbju fil-bandli sa tard bil-lejl. Se jsir rapport lill-*Community Police*.

21.4.8 Riħa qawwija ta' kannabis fi Triq il-Kbira fiż-żona tas-Sala Aurora

Is-Sindku informa li l-ARUK ġiet infurmata bis-sitwazzjoni. Saru spezzjonijiet mill-awtorità u r-riħa naqset ħafna.

21.4.9 PA/06573/25 – *Ex-Dolphin Centre*

Is-Sindku informa li l-iżviluppatur issottometta applikazzjoni ġdida mal-PA. Il-Kunsill qabel li jerġa' joġġezzjona għal dan l-iżvilupp.

21.4.10 *Pasta Factory*

Is-Sindku informa li l-iżviluppatur issottometta applikazzjoni ġdida mal-PA. Preżentement hemm permess biex titwaqqa' l-binja u tinbena uffiċini. Issa l-iżviluppatur qed japplika biex minflok uffiċini jibni appartamenti. Il-Perit tal-Kunsill ġie infurmat biex u jagħtina l-opinjoni tiegħu fuq l-applikazzjoni l-ġdida. Il-Kunsilliera se jiddeċiedu permezz ta' *email* jekk għandiex issir oġġezzjoni, peress li d-data tas-sottomissjoni hija qabel il-laqgħa li jmiss.

21.4.11 Dekorazzjoni ta' siġra għall-Għid

Għal din l-inizjattiva kien hemm qbil li jinkera *cherry picker* biex tiġi mżejna siġra fil-pjazza.

## 21.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

21.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 21.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

21.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 21.7 Pubblikazzjoni Storika

21.7.1 Is-Sindku informa li ġie avviċinat mis-Sur Joseph Borg bi proposta biex issir pubblikazzjoni ta' ktieb li jiġbor fih riproduzzjoni diġitali tal-ħarġiet kollha tal-gazzetta "Ħal Balzan". Din kienet pubblikazzjoni li bdiet bl-inizjattiva tal-Kunsill Ċiviku ta' Ħal Balzan fis-sena 1971 u baqgħet toħroġ sal-1984.

21.7.2 Il-Kunsill approva din il-proposta u ġie deċiż li jibdew diskussjonijiet mas-Sur Borg dwar dan il-proġett. Ġie nnutat ukoll li r-Reġjun Tramuntana għandu skema finanzjarja għall-pubblikazzjonijiet li minnha l-Kunsill jista' jibbenefika.

## 21.8 Skemi Finanzjarji

21.8.1 Is-SE infurmat li m'hemmx Skemi ġodda x'jiġu diskussi.

## 21.9 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

21.9.1 Din l-*item* ġiet diskussa aktar kmieni f'din il-laqgħa f'Para 21.3.8.

## 21.10 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

21.10.1.1 <u>Nominazzjoni ta' Deputat SE</u>
Qed issir referenza għall-obbligu legali li l-Kunsill Lokali jinnomina Deputat SE sabiex jeżerċita l-funzjonijiet tas-SE kull meta l-kariga tkun vakanti jew meta s-SE, għal kwalunkwe raġuni, ma jkunx jista' jaġixxi. Artiklu 50 tal-Att dwar Gvern Lokali (KAP 363) jkompli jistipula illi d-Deputat SE għandu jinħatar minn fost l-impjegati tal-Kunsill Lokali li jkunu minn Skala 11 'il fuq. F'każ li f'Kunsill Lokali partikolari ma jkunx hemm impjegati f'din l-iskala, d-Deputat SE għandu jinħatar minn Kunsill Lokali ieħor, sakemm dan ikollu l-kwalifiki meħtieġa.

21.10.1.2 Fil-każ tagħna, il-Kunsill għandu impjegata waħda li tikkwalifika, u għalhekk il-Kunsill unanimament approva li jinnomina lis-Sa Maria Fortunata k/a Mariella Casha bħala Deputat SE.

21.10.2.1 <u>Talba biex issir tabella li tavża lis-sewwieqa biex jiċċekkjaw iż-żewġ direzzjonijiet</u>
Resident ilmenta li sewwieq kontinwament qed jinjoraw l-i*stop sign* li hemm fi Triq Ġuże' Bonnici qabel ma toħroġ għal Triq Balaguer. Għalhekk qed jitlob li tiġi nstallata tabella li tavża lis-sewwieqa biex jiċċekkjaw iż-żewġ direzzjonijiet (ta' Triq Balaguer) qabel ma joħorġu minn Triq Ġuże' Bonnici.

21.10.2.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jitwaħħlu tabelli *'Accident Black Spot'* fi Triq Ġużè Bonnici qabel ma toħroġ għal Triq Balaguer. Ġie deċiż ukoll li titwaħħal tabella *'Stop'* fuq in-naħa tal-lemin, peress li bħalissa m'hemmx.

21.10.3.1 <u>Triq il-Kannizzata k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>
Residenta qed terġa' tiġbed l-attenzjoni għall-periklu li hemm f'din iż-żona fejn ta' sikwiet qed ikun hemm aċċidenti tat-traffiku. Qed titlob li ssir *sleeping policeman* fiż-żewġ toroq.

21.10.3.2 Ġie rrimarkat li skond kundizzjonijiet ta' TM, għandu jkun hemm ftehim mar-residenti tat-triq qabel ma tiġi installata *sleeping policeman*. Peress li hemm oġġezzjoni, ma nistgħux nagħmluha.

21.10.4.1 <u>Talba miċ-Ċentru Żgħażagħ</u>
Il-Ċentru Żgħażagħ qed lill-Kunsill sabiex jiffinanzja l-ispiża ta' uffiċjal tat-traffiku għal waqt l-armar u ż-żarmar ta' Triq Birbal għall-festa. Il-Kunsill iddiskuta approva din it-talba. Din id-deċiżjoni ttieħdet fid-dawl li Triq Birbal hija triq arterjali, u sabiex tiġi żgurata s-sigurtà waqt l-armar u ż-żarmar.

21.10.4.2 Qed jitolbu wkoll biex jiġi pprovdut uffiċjal tat-traffiku waqt l-armar tal-ħbula tal-pavaljuni fi Triq Idmejda. Din it-talba ma ġietx approvata, peress li jqis li ma jistax joħloq preċedent. Ġie nnutat li matul il-perjodu tal-festa jingħalqu numru sostanzjali ta' toroq għall-armar u ż-żarmar, u għalhekk ma jkunx possibbli li jiġi ffinanzjat uffiċjal tat-traffiku għal kull każ.

21.10.5 <u>Festa Tfal 2026</u>
Il-Każin Filarmonika Marija Annunzjata informa lill-Kunsill li ser jerġa' jorganizza l-Festa Tfal, li din is-sena ser issir nhar il-Ħadd 22 ta' Marzu 2026, u talab sabiex, bħas-sena l-oħra, il-Kunsill jiffinanzja l-ispiża ta' uffiċjal tat-traffiku. Il-Kunsill approva. Din l-ispiża ser tkun iffinanzjata permezz ta' skema finanzjarja tar-Reġjun Tramuntana.

21.10.6 <u>Ħajt perikoluż fi Triq Birbal</u>
Dwar il-ħajt perikoluż li huwa proprjetà tal-Kunvent tal-Bon Pastur, ġie nnotat li qed issir korrispondenza bejn il-Perit tal-istess kunvent u Transport Malta sabiex jinħareġ il-permess meħtieġ għat-tiswija tal-ħajt.

21.10.7.1 <u>Pjanti</u>
Saret referenza għal ritratti ġġenerati bl-AI li ttellgħu fuq *Balzan People* dwar pjanti fuq iz-zuntier ta' tat-Tliet Knejjes u madwar l-istatwa ta' Santa Marija.

21.10.7.2 Ġie nnutat li l-fjuri li jidru fir-ritratti huma *unrealistic*, peress li huma *high maintenance*. Huwa meħtieġ li jitħawwel xi ħaġa li faċli biex tikkuraha.

21.10.7.3 Dwar Tat-Tliet Knejjes, ġie rrimarkat li z-zuntier huwa proprjetà privata. Dwar l-istatwa ta' Santa Marija, il-Kunsill iddeċieda li jsiru żewġ *planters* bi pjanti li jkunu *low maintenance* u li ma jostakolawx il-bankina.

21.10.7.4 Meta jingħata t-Tender tal-*Parks & Gardens*, il-Kunsill se jieħu parir dwar it-tip ta' pjanti li għandhom jiġu mħawwla mill-ġardinar.

21.10.8 <u>*Telephone Box* fi Pjazza Bertu Fenech</u>
Il-ħaddiema tal-Kunsill se jnaddfuha mill-kotba u se jiżbugħha bl-istess kulur oriġinali.

## 21.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

21.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 02/26, li tinkludi l-ammont ta' €64.24c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Jannar 2026.

21.11.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier MLB li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 21.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

21.12.1 Il-laqgħa ntemmet fil-6.36pm.

21.12.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu 2026 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 24 ta' Marzu 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |